MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 23/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mark Lawrence Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 23 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Mark Lawrence Rizzo,  li bih huwa gie akkuzat talli :
1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn, Mark Rizzo kien debitur ta' Desmond Falzon f'ammont misluf lilu, Desmond Falzon kien ilu jithabat sabiex jiehu lura dak li legittimament kien intitolat ghalih, u li Mark Rizzo kien issa obbligat li jirritornalu.  B'danakollu, Mark Rizzo kien ilu qieghed igibha bi kbira sabiex ihallas lura d-dejn li kellu ma' Desmond Falzon.  Mhux hekk biss, imma talli kien qieghed jispicca jhedded lil Desmond Falzon li jekk ikompli jinsisti mieghu sabiex jithallas lura, kien ser

jghamillu bomba fil-karozza tieghu w ipoggi fil-periklu l-hajja ta’ mart Falzon u wliedu.

Fl-ghoxrin ta’ Lulju tal-imsemmija sena 2002, Falzon kien rega’ fakkar lil Rizzo li kellu jhallas lura l-ammont misluf lilu. Rizzo, kif kien imdorri jaghmel s’issa, ha lil Falzon bil-herra w rega’ heddu.

Kien ghalhekk li xi hin wara dakinhar, fi Triq Sant’Ubaldesca, Paola, Rizzo qaghad jistenna lil Falzon jitfacca fi triqtu lejn id-dar t’ommu. Kien intenzjonat li joqtol lil Falzon sabiex jehles minnu darba ghal dejjem. Hekk kif lemah lil Desmond Falzon, li kien akkumpanjat minn bintu ta’ ghaxar snin, Mark Rizzo saq b’mod goff u perikoluz il-karozza li kien fiha, Ford Ka, w immiraha fid-direzzjoni ta’ fejn kienu jinsabu Falzon u bintu.

Hekk kif Desmond Falzon ra lil Rizzo gej bil-karozza tieghu bi speed qawwi mmens ghal fuqu w bintu, huwa kesah bil-qata’, izda irnexxielu tempestivament jahtaf lil bintu b’idejh u jiskansa lilhom innfushom. Ftit sekondi wara, huwa ra lill-karozza ta’ Rizzo wieqfa kompletament ftit metri l-boghod minn fejn gara l-incident b’Mark Rizzo fiha. Desmond Falzon ittenta jigri ghal fejn kienet qeghda l-karozza, izda Rizzo lemhu w saq hesrem u b’manjiera perikoluza l-hemm.

Minuti wara, Desmond Falzon iddecieda li jmur jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija dwar l-akkadut. Hin wara dakinhar Mark Rizzo gie arrestat u investigat.

Illi b’eghmilu, l-imsemmi Mark Rizzo sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mark Lawrence Rizzo hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

L-Avukat Generali addebita lill-istess Mark Lawrence Rizzo bir-recidiva fid-delitt peress li b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), f'diversi dati, huwa nstab hati ta' delitti.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 20, 22, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 211 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;
2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem fl-20 ta' Lulju, 2002, filwaqt li Mark Rizzo kien qieghed ihejji sabiex joqtol lil Desmond Falzon minhabba d-differenzi ta' bejniethom, hekk kif ga' espost fil-kap precedenti, w dana billi jinqeda bil-karozza tieghu Ford Ka numru CAK-563 u jsuq b'velocita' qawwija ghal fuq Falzon hekk kif appena ikun ghaddej mit-Triq Sant'Ubaldesca, Paola, huwa spicca hin minnhom sabiex fil-fatt, volontarjament, isuq l-istess karozza bi speed qawwi w b'manjiera perikoluza dritt ghal fuq Desmond Falzon li dak il-hin kien akkumpanjat minn bintu ta' ghaxar snin. Dan it-tip ta' sewqan perikoluz da parti ta' Mark Rizzo seta' facilment kien ta' periklu kbir u fatali wkoll li kieku dak il-hin inserta kien hemm nies ohra ghaddejjin fil-vicinanzi, jew li kieku kien hemm vetturi ohrajn ghaddejjin minn dik l-istess triq.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Mark Rizzo sar hati talli saq motor-car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mark Lawrence Rizzo hati talli saq motor-car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.
L-Avukat Generali addebita lill-istess Mark Lawrence Rizzo bir-recidiva fid-delitt peress li b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), f'diversi dati, huwa nstab hati ta' delitti.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux izjed minn mitt Lira jew tal-prigunerija

ta’ mhux izjed minn tlett xhur, kif ukoll li jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, 30, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati li bih b’ sitt voti favur u b’tlett voti kontra sabu lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza taht l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza izda hati biss ta’ tentattiv ta’ ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Desmond Falzon u li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-hati Mark Lawrence Rizzo recidiv ghal fini tal-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w unanimament iddikjaraw lill-hati Mark Lawrence Rizzo recidiv ghal fini tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil Mark Lawrence Rizzo hati ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ Desmond Falzon fl-20 ta’ Lulju, 2002, filghodu, go St. Ubaldesca Street kantuniera ma’ Ninu Cremona Street, Rahal Gdid,

Tiddikjara lil Mark Lawrence Rizzo, hati ta’ sewqan b’manjiera perikoluza bla kont, u b’manjiera traskurata fl-istess jum, hin u lok skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara wkoll lil hati bhala recidiv ghall-fini tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat

Qieset mill-banda wahda kontra l-akkuzat in-natura tar-reati li taghhom huwa nstab hati, il-kondotta reffrattarja tieghu w l-fatt li huwa recidiv kif fuq intqal;

Qieset mill-banda l-ohra illi l-verdett dwar it-tentattiv ta' ferita gravi kien ta' sitt voti favur u tlett voti kontra li hu l-inqas verdett possibbli bil-ligi biex tinstab htija w li r-reat taht it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ghandu jitqies bhala komprizz u nvolut fir-reat l-iehor billi serva bhala mezz ghal fini biex jista' jigi kommess l-ewwel reat, kif ukoll in-natura tar-reati li taghhom kien instab hati minn Qrati ohra w li fuqhom gie bazat l-addebitu tar-recidiva;

Qieset ukoll iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat f'diversi perjodi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tapplika kontra l-hati l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 215, 216(1), 17(h) 23, 20, 22, 31, 49, 50, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-hati Mark Lawrence Rizzo ghal piena ta' sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnesjoni ma' dan il-kaz u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' hames snin mill-lum u inoltre biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' Desmond Falzon, Esmeralda Falzon u l-membri tal-familja taghhom qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100) ghal zmien tnax il-xahar li jibda jghodd minn dak in-nhar li fih il-piena li ghaliha qed jigi sentenzjat tigi skuntata,  biex hu b'ebda mod ma javvicina jew jimmolesta lill-imsemmija Desmond u Esmeralda Falzon u l-membri tal-familja taghhom;

U fl-ahharnett tordna lill-hati li jhallas l-ispejjes kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal sitta w disghin lira Maltin u tlieta w sittin centezmu (LM96.63c) fi zmien gimgha mill-lum u,  fin-nuqqas ta' tali hlas,  dan l-ammont

jigi konvertit f'ghoxrin (20) gurnata prigunerija ohra skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------